# SAN PUBLJU
# L-EWWEL ĊITTADIN MALTI
## QALB KBIRA U ĦEĠĠA GĦAL TWEMMINU

**TAGĦRIF STORIKU**

**Kitba ta' Patri Alexander Bonnici OFM Conv.**

**L-Appostlu li wasssal lil Kristu f'Malta**

Malta ta' elfejn sena ilu kienet maħkuma mir-Rumani. San Pawl kien intafa' l-ħabs mill-awtoritajiet ta' Ruma. Imma f'Ċesarija għamel użu mid-dritt li kien jagħtih il-fatt li hu kien ċittadin Ruman. Ma riedx jiġi kkundannat bħala bniedem xewwiexi. Għalhekk, quddiem Festu, Gvernatur Ruman f'Ċesarija, appella biex jidher quddiem Ċesri f'Ruma. L-appell tiegħu ntlaqa'. Qabel ma tqiegħed fuq xini flimkien ma' 275 oħra, deher tajjeb li San Pawl kien innoċenti. Li kieku ma kienx appella biex jintbagħat Ruma, il-Gvernatur Festu kien jeħilsu. Imma kollox kien providenzjali. Il-pjan ta' Alla kien li, mingħajr ma kien jaf l-appostlu nnifsu, lilu jwasslu sa Malta tagħna. L-appostlu tqiegħed taħt iċ-Ċenturjun Ġulju, flimkien ma' ħafna ħabsin oħrajn.

Pawlu xtaq jikkonvinċihom biex ma jkomplux f'dak il-vjaġġ diffiċli. L-irjieħ kienu kontrihom. Il-vjaġġ kien beda lejn l-aħħar ta' Ottubru tas-sena 60. Deher li kien se jkun vjaġġ ta' tiġrib kbir. Imma ċ-ċenturjun qagħad għal dak li qalulu l-kaptan u sid il-ġifen. Il-vjaġġ tkompla. Imma riefnu qawwi, li jgħidulu grigal, beda jonfoħ. Il-mewġ kaxkarhom miegħu. Ma rawx, għal ħafna ġranet, la x-xemx u lanqas il-kwiekeb. Tilfu kull tama li jsalvaw.

Ir-rakkont nafuh tajjeb. Anġlu tal-Mulej ħabbar lil Pawlu li kien meħtieġ li jaħbtu ma' gżira. Wara erbatax-il lejl, ix-xini tfarrak mal-blat. Iż-żmien tan-nawfraġju kien lejn nofs ix-xahar ta' Novembru. Mill-1703, fi żmien l-Isqof David Cocco Palmeri, bdejna niċċelebraw l-10 ta' Frar bħala l-ġurnata meta Malta bdiet issir nisranija. Imma ma nafux għaliex ġiet magħżula din il-ġurnata. Ir-Rumani u l-priġunieri waslu l-art bil-għawm, jew fuq twavel, jew fuq bċejjeċ imkissra tal-ġifen. Saru jafu li kienu waslu fi gżira li kien jisimha Malta.

**Prinċep ta' Qalb Kbira**

Hawn tidħol il-figura ta' bniedem ta' qalb kbira. Kien jismu Publju. Kien il-Prinċep tal-gżira. Kull setgħa ċivili fil-gżira kienet f'idejh. Kien ir-rappreżentant ta' Ruma fi gżiritna. Dik kienet okkażjoni għalih biex jaqta' figura tajba quddiem l-Imperatur ta' Ruma. Għalhekk, l-ewwel attenzjoni tiegħu marret fuq iċ-Ċenturjun Ġulju. Dan żgur li kien se jwassal f'Ruma kif kien ġie milqugħ minn Publju.



It-twelid ta' San Publju
Pittura tal-Kav. Emvin Cremona
fis-saqaf tal-knisja parrokkjali

Aħna lil dan il-Prinċep Publju ma nafuhx biżżejjed. Imma kienet drawwa tar-Rumani li jmexxu l-artijiet li kellhom f'idejhom permezz ta' bnedmin ta' nisel nobbli, imma wkoll ta' ħila, li jkunu twieldu fl-artijiet mirbuħa minnhom. Għalhekk, kollox iġegħelna naħsbu li Publju kien imwieled f'Malta, anki jekk fost l-antenati tiegħu sata' kellu lil dawk li kienu twieldu f'xi art oħra. Publju kellu l-oqsma tiegħu fil-gżira tagħna. Għalhekk, ma kienx intbagħat fostna minn xi art oħra.



San Pawl ifejjaq
lil missier Publju

**Kenn għal Rumani u Priġunieri**

Bl-awtorità tiegħu, Publju ddispona li dawk kollha li l-qilla tal-baħar tefgħathom fi gżiritna jingħataw kenn. Hu nnifsu, mingħajr ma għamel għażla bejn Rumani u priġunieri, laqagħhom għal tlitt ijiem fl-artijiet tiegħu stess. Li kieku Publju ma kienx bniedem daqshekk ġeneruż, il-kelmiet ta' Luqa, il-kittieb ta' l-*Atti ta' l-Appostli*, kienu jkunu differenti.

Meta kiteb dwar in-nies ta' Malta, Luqa qal: "In-nies tagħha ġabu ruħhom magħna bi ħlewwa kbira". Żgur li meta kiteb hekk Luqa kellu f'moħħu lil Publju li

kien saħħarhom bil-ħlewwa u l-ġenerożità tiegħu.
Il-prinċep Publju kellu dmirijiet kbar lejn iċ-Ċenturjun Ġulju. Imma qatt ma kien sama' b'Pawlu. L-ospitilità mogħtija lil Ġulju kienet marbuta mal-pożizzjoni tiegħu f'Malta. Imma Alla tagħna ried ipattihulu lil Publju għal dak li għamel ma' Pawlu u l-priġunieri l-oħrajn. Publju ntebaħ li Pawlu ma kienx priġunier bħall-oħrajn. Miegħu fetaħ qalbu u wrieh li kien bniedem imnikket għaliex missieru kien marid bid-deni u d-disenterija. Kellu fuqu marda ta' l-imsaren bit-tneħħija, minn wara wkoll, tad-demm. Kien jitqanżaħ b'uġigħ biex jiekol xi ħaġa. San Pawl għamel miraklu ma' missier Publju. Lilu fejqu mill-marda kiefra tiegħu.

**Ġenerożità tal-Maltin**
Il-Maltin l-oħrajn, li diġa' kellhom ħjiel x'sata' kien Pawlu, minħabba l-miraklu tal-lifgħa, ressqulu huma wkoll il-morda tagħhom, u f'isem Alla l-appostlu tahom il-fejqan. Il-ġenerożità kbira ta' Publju kienet ta' eżemplu għall-oħrajn. Il-Maltin, f'dak iż-żmien, ma kenux ħlief ftit mijiet. Xi kittieba jgħidulna li ma kenux iżjed minn tliet mija. Kienu wkoll foqra ħafna kif wieħed jista' jistenna minn dawk li kienu fuq gżira, bejn l-Ewropa u l-Afrika, minsija minn kulħadd. Ma kenux jersqu lejn gżiritna ħlief xi furbani li ħebbew għal missirijietna biex jisirquhom, ikaxkruhom fil-jasar, u saħansitra joqtluhom waqt li jattakkawhom fi djarhom stess. Minkejja dan kollu, fuq l-eżempju tal-prinċep Publju, il-Maltin, lil San Pawl u, lil dawk li kienu miegħu, tawhom kull xorta ta' ġid.

**San Pawl Milqi**
F'Burmarrad tal-lum, waħda mill-erba' knejjes ċkejknin tissejjaħ *San Pawl Milqi*. Imma dan ma kienx l-ewwel isem tagħha. Iżjed minn 500 sena ilu, fuq dak il-post fejn hemm dik il-knisja missirijietna bnew knisja ċkejkna. Il-post innifsu kien imsejjaħ *San Pawl tal-Bindiki*. "Bindiki" kien kunjom tal-bidu tas-seklu ħmistax f'Malta. Lejn l-1417, nafu b'suldati fil-milizzja ta' Malta li kellhom dak il-kunjom. Il-knisja li nbniet fuq dak il-post issejħet għall-ewwel darba bħala San Pawl Milqi fil-viżta pastorali ta' l-Isqof Baldassri Cagliares fl-1616. L-isem minnu nnifsu jindika li San Pawl intlaqa' minn xi ħadd.


**Il-Knisja ta' San Pawl Milqi**

Fil-fatt, tradizzjoni qadima żżomm li l-ħakem ta' Malta, wara nawfraġju li għall-Maltin kien providenzjali, laqa' u ta kenn lil Ġulju ċ-Ċenturjun, lil San Pawl, u sħabu ġo villa kbira tiegħu. Publju kien "Il-Protos" jew "Il-Prinċep" tal-gżejjer tagħna. Ħadd ħliefu ma sata' jiddisponi minn villa daqshekk kbira. Sa ftit ilu, kienu jgħidulna li l-villa ta' Publju kienet fl-inħawi ta' Burmarrad, fejn hemm il-knisja ta' San Pawl Milqi. Hemm tassew fdalijiet ta' l-ewwel seklu proprju fuq in-naħa ta' wara tal-knisja. Imma l-istudju arkeoloġiku tal-post li sar mit-Taljani jurina li m'hemmx sinjali ta' xi villa kbira.


**Il-Kappella ta' San Pawl Milqi minn ġewwa**

Għalhekk, għandu mnejn il-ħakem Publju ltaqa' biss ma' Ġulju, Pawlu, u l-oħrajn f'dak il-post. Wara kollox, il-kelma "Milqi" ġejja mill-kelma "Tiltaqa'". Min-naħa l-oħra, l-istudji arkeoloġiċi juri li kien hemm villa kbira fuq il-għolja tal-Wardija, li ma hix imbiegħda. Għalhekk, bl-akbar probabiltà, Publju laqa' lil kulħadd il-Wardija, wara li kien iltaqa' magħhom fil-post imsejjaħ *Tal-Bindiki*. Il-knisja ta' *San Pawl Milqi* tal-lum hi tas-seklu sbatax.
Bejn Novembru tas-sena 60 u Frar tas-sena 61, Publju u l-Maltin taw xhieda li aħna bqajna msemmijin għaliha f'kull żmien. Imbagħad, fi Frar tas-sena 61, San Pawl flimkien ma' l-oħrajn qabdu triqithom fuq il-baħar lejn Ruma.
Luqa kiteb fl-*Atti:* "Għabbew fuq il-ġifen kulma konna neħtieġu". M'għandna xejn x'jgħidilna li kien hemm min ħadha kontra San Pawl. Imma dan ma jfissirx li kulħadd sar nisrani. San Luqa ma kitibx fuq konversjoni ġenerali. Barra minn hekk, għandna ċ-ċertezza li, fit-tieni seklu, kien għad għandna f'Malta u Għawdex, tempji ddedikati lill-allat pagani. L-awtoritajiet ċivili (municipium) baqgħu jagħmlu ħilithom biex iżommuhom fi stat tajjeb. Xi skrizzjonijiet tat-tieni u t-tielet seklu juru li l-Imperaturi, bħal Antoninu Piju u Settiimju Severu, kienu meqjumin

bħala alla. Kien hawn ukoll tempju f'ġieħ alla Apollo. Imma l-konversjoni kienet bdiet, u m'għandniex sinjal ta' persekuzzjonijiet.

**Ġenerożità Tradizzjonali**

Dak li għamel in-nobbli Publju u l-Maltin ta' żmienu sar minn żmien għal ieħor. Il-Maltin, għalkemm ma kkonvertewx kollha, dejjem ħassew għal dawk fosthom li kienu batuti. Ħassew ukoll għal dawk li stkennew fostna bħala rifuġjati, għax kellhom, kontra qalbhom, jaħarbu minn pajjiżhom. Missirijietna u aħna wkoll inwasslu l-għajnuniet ġenerużi tagħna anki lil dawk li jgħixu f'artijiet imbiegħda, fejn jonqoshom kollox.

Hi x-xewqa kbira tagħna li l-figura tal-prinċep Publju tibqa' fil-qalb tagħna għaliex hu żgur li ltaqa' ma' Kristu li raħ f'San Pawl u f'dawk kollha li kienu miegħu. Publju għex b'ħajtu lil Kristu li kien għadu ma jafux. Hu għamel tiegħu l-kelmiet tal-Mulej: "Kont bil-ġuħ u intom tmajtuni. Kont bil-għatx u intom sqejtuni".

**Il-Kelma tal-Missier ta' l-Istorja tal-Knisja**

San Beda, il-Venerabbli, jgħid li Publju ta' Malta ntbagħat bħala Isqof fil-belt kbira ta' Atene. Xieraq għalhekk li nkunu nafu x'tgħidilna l-istorja fuq l-Isqof Publju li mexxa l-Knisja f'Atene fi żmien ta' persekuzzjoni.

Ftit tagħrif dwar San Publju jagħtihulna *Ewsebju ta' Ċesarija*, li aħna li nħobbu l-istorja nqisuh il-missier ta' dawk kollha li jaqbdu b'idejhom din ix-xjenza li ssaħħarna, u li fl-istess waqt tħallina fid-dubju dwar xi ġrajjiet ta' l-imgħoddi, u xi drabi anki tal-preżent. Ewsebju, fir-raba' seklu, fetaħ il-ktieb magħruf ta' l-*Istorja tal-Knisja* tiegħu bil-kelmiet: "*Jienu hu l-ewwel wieħed li qbadt f'idejja xogħol bħal dan*". Fi żmien meta l-kotba ma kenux jiġu stampati, faċilment ġara li ħafna manuskritti ntilfu. Ewsebju għandu l-preġju li hu ġabar bosta siltiet minn kitbiet li ma nafux bihom ħlief mill-kitba tiegħu. Fost l-oħrajn, insiru nafu li kien hemm ċertu Dioniġi, Isqof ta' Korintu, li kiteb xi ittri u bagħathom lil xi komunitajiet nsara.

**B'Messaġġ għal min hu rieqed fil-fidi**

Minn dawn l-ittri, l-aktar li jissemmew huma tmien biċċiet minn dawk li hu kiteb lill-komunitajiet ta' Atene. Il-persunaġġ l-iżjed importanti li jissemma f'dawn l-ittri hu Publju, li kien isqof ta' dik il-belt kbira. Dioniġi jmaqdar lil dawk ta' Atene talli kienu waqgħu fl-indifferenza fl-istqarrija tal-fidi nisranija tagħhom, wara li Publju, il-Kap tagħhom, kien sofra l-martirju fil-persekuzzjonijiet ta' dawk iż-żminijiet. Nafu wkoll minn hemm li, wara Publju, l-Isqof ta' Atene kien Quadrato. Dan il-ftit tagħrif iwassalna għaċ-ċertezza li Publju kien isqof ta' Atene fit-tieni seklu, u aktarx li sofra l-martirju bejn 161 u 170: fi żmien meta l-imperatur ta' Ruma kien Mark Awrelju.

Dan San Publju hu l-patrun tal-parroċċa tal-Floriana, li jiena għandi x'jiġbidni biex inħobbha aktar minn kull oħra. Jiena twelidt fit-territorju tagħha, u ġejt mgħammed bl-isem ta' Pawlu, f'dik il-knisja ta' San Publju mill-Arċipriet Dun Anġ Chigo, fit-28 ta' Jannar, 1936. In-nies tal-Floriana għandhom għax jifirħu b'dan il-qaddis patrun. Illum, fi żmien ta' telqa, il-patrun tagħhom ifakkarhom kemm hu importanti li huma jgħożżu l-fidi billi jkunu nsara prattikanti.



Dawk ta' Atene ma kenux sodi biżżejjed għaliex malli l-Isqof tagħhom San Publju ġie mogħti l-martirju, huma waqgħu f'telqa kbira. Kien meħtieġ li huma jqumu min-nagħas tagħhom.

Minbarra *Ewsebju ta' Ċesarija* u *Dioniġi ta' Korintu*, lil Publju ta' Atene jsemmuħ f'bosta martiroloġji bħalma kienu dik ta' Pietro Galisinio u ta' Adone, u ta' Usuardo. Semmewh b'kumment kritiku l-kittieba Ġiżwiti magħrufin bħala l-*Bollandisti* (minn Giovanni Bolland) li kitbu fis-seklu sbatax. Imma jsemmuh ukoll aġjografi ta' żmienna bħalma huma *Pietru Burghi* u *Josseph-Marie Sauget* fil-volumi *Bibliotheca Sanctorum*. Tagħrif sħiħ dwaru jiena wkoll ippubblikajtu fil-*Profili* li kienu jiġu ppubblikati mill-*Museum*. Deher f'Jannar, 1986.

**Patrun tal-Floriana**

Jiena ċert li n-nies tal-Floriana huma fost dawk li jirriflettu ħafna, u nqishom fost dawk li ma jridux min jidħak bihom. Iridu jkunu jafu l-verità kif inhi. Huma jifirħu bil-patrun tagħhom San Publju, u magħhom nifraħ jiena wkoll għax huma jqimu nisrani awtentiku, li miet għal twemminu. Aħna ma għandniex tagħrif daqs kemm nixtiequ dwar l-Isqfijiet ta' Atene ta' l-ewwel u t-tieni seklu. Nafu xi ftit dwar l-ewwel wieħed. Kien Dijonisju l-

areopaġita, wieħed mill-ftit li ġew ikkonvertiti minn San Pawl. It-tradizzjoni żżomm li hu tqiegħed bħala l-ewwel Isqof ta' Atene. Imma dwaru mbagħad ma nafux ħlief li hu miet martri għal twemminu. Nafu xi ftit fuq l-Isqof San Publju. Imma ma nafux kif kien il-martirju tiegħu, għalkemm il-kwadru titulari ta' Filippo Vincenzo Pace u l-istatwa ta' Vincenzo Dimech li hemm il-Floriana jirrafigurawhulna bħallikieku ġie sbranat minn iljun.

**San Beda: Ikellimna fuq Publju ta' Malta u ta' Atene**

Fil-Floriana, kemm il-kwadru kif ukoll l-istatwa huma imprezzabbli. Żgur li din l-istatwa hi waħda mill-isbaħ tal-gżejjer tagħna, għalkemm fiha xi difett ċkejken għaliex Isqof ma jżommx il-baklu fuq il-lemin, imma fuq ix-xellug; bil-lemin l-Isqof ibierek. Barra minn hekk, jekk Isqof jitlibbes bl-ilbies pontifikal bħal dawk ta' żmienna, ma jitqiegħedtx b'saqajh mikxufin, u liebes is-sandli.

Inżerta li t-twajjeb Publju, li kien tassew nobbli u ġeneruż ma' San Pawl u ma' dawk kollha li kienu miegħu, daħal fl-istorja ta' San Publju ta' Atene. Għadna qed nistennew li xi ħadd jagħtina studju iżjed kritiku fuq Publju ta' Malta, li ħafna kittieba Maltin qisuh l-istess Publju ta' Atene. Dak li tana dan it-tagħrif għall-ewwel darba kien bniedem kbir u saħansitra duttur tal-knisja. Kien l-Ingliż San Beda, imsejjaħ "il-venerabbli", minħabba l-qdusija tiegħu. San Beda, li għex bejn 673 u 735, fil-*Martyrologium Romanum Parvum*, dwar il-qaddisin tal-21 ta' Jannar, kiteb: "F'Atene, il-martirju ta' San Publju, isqof, li minn San Pawl appostlu, kien ġie ordnat isqof ta' Malta". Għal din ir-raġuni, il-pittur Emvin Cremona, fil-lunetti tal-parroċċa tal-Floriana, pitter lil San Beda.

Dwar Publju ta' Malta, għandna nixtieqy li jkollna xi dokumentazzjoni dwar jekk sarx nisrani, għalkemm dan qatt ma ġie miċħud minn ħadd. Żgur li kien wieħed li ta xhieda għal Kristu bil-għemil ġeneruż tiegħu. Hu iżjed diffiċli li nippruvaw li ġie ordnat saċerdot. S'issa ma għandna xejn x'jgħidilna li hu spiċċa milli jkun bis-setgħa ta' l-ewwel ċittadin ta' Malta f'isem l-Imperatur ta' Ruma. Imma għall-fatt li m'għandniex din id-dokumentazzjoni aħna ma niċħduhx. Għal raġunijiet storiċi, hu iżjed diffiċli li nippruvaw li San Pawl kkonsagrah Isqof.

San Pawl rarament ikkonsagra Isqfijiet. Imma hu dejjem kien iħalli lil xi ħadd biex ikompli dak li kien ikun beda hu. Żgur li lil Malta San Pawl ma telaqhiex għal rasha. Żgur li wara li għadda tliet xhur fostna u żera' fi gżiritna t-tagħlim ta' Kristu, lilna ma telaqniex għal rasna. Lil xi ħadd, hu ħallielna żgur. Nittamaw li għad jasal iż-żmien li jkollna xi prova jew għallinqas xi indikazzjoni li dak li ħalla kien Publju. Il-fatt li, s'issa, m'għandniex provi ċari, ma jfissirx li għalli ġej ma għadx ikollna. Hawn ma nistennewx provi minn kitbiet ta' l-ewwel żmien. Imma l-arkeoloġija tista' iddawwalna xi ftit: imqar b'xi kelma minn xi skrizzjoni, li hu possibbli li nsibuha minquxa fuq xi ġebla jew irħama.

**Minn Malta għal Atene**

Il-problema l-oħra tibqa' dwar it-trasferiment ta' Publju minn Malta għal Atene. Kien żmien meta l-isqfijiet ma kenux jgħaddu minn djoċesi għal oħra. Imma ma jfissirx li ma saru qatt eċċezzjonijet. Ma hux impossibbli, għalkemm għad irid jiġi ppruvat, li Publju minn Malta mar f'Atene.

Għad hemm ukoll diffikultà oħra. Skond il-ftit tagħrif li għandna, Publju ta' Atene ħa l-martirju madwar mitt sena wara l-wasla ta' San Pawl f'Malta. Ħadd ma' jista' jgħidilna b'ċertezza kemm għex Publju ta' Malta.

Barra minn hekk, jista' wkoll ma jkunx hemm ċertezza asoluta dwar meta miet Publju ta' Atene. Inżommu quddiem għajnejna li, f'dak iż-żmien, l-isem "Publju" kien komuni ħafna.

Hemm id-drawwa sabiħa li l-Arċisqof ikun preżenti għall-quddiesa solenni tal-festa ta' San Publju, fil-Floriana. Wara l-quddiesa, l-Arċisqof jintlaqa' fil-każin tal-banda. Dan jagħmlu biex ifakkarna kemm għandha tkun kbira r-rabta tagħna l-Maltin ma' dak li wera ġenerożità kbira ma' San Pawl u sħabu meta dawn kellhom verament bżonn ta' għajnuna.

Minkejja l-inċertezzi li għandna, aħna lil San Publju nibqgħu nħobbuh u nqimuh. Hu xieraq li nibqgħu niċċelebrawh. Lil San Publju, aħna għażilnieh bħala patrun ta' parroċċa importanti: din tal-Floriana. Lilu aħna niċċelebrawh fit-22 ta' Jannar għaliex fil-21 ta' Jannar, niċċelebraw, flimkien mal-Knisja universali lil Sant' Anjeże, Verġni u Martri. Jixraq li nagħmlulu festa bħala martri jew bħala ragħaj ta' l-erwieħ. Kien ragħaj tassew għax il-ftit materjal li għandna dwaru jurina li kien ragħaj mimli ħeġġa. Hu ta' xhieda ta' twemminu billi offra għal Alla ħajtu stess.

Jiena kemm-il darba tlabt quddiem l-istatwa artistika ta' San Publju fil-knisja parrokkjali tal-Floriana. Lil dan il-qaddis, li jiena tgħammidt fil-parroċċa msemmija għalih, ħabbejtu għax kien isqof li l-preżenza tiegħu nħasset tassew fid-djoċesi importanti li hu mexxa. San Publju hu qaddis li ta l-aqwa xhieda ta' mħabbtu lejn Kristu għaliex, fi żmien iebes ta' persekuzzjoni, miet għal dak li hu kien jemmen fih.